



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12036/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0256(NLE)

PECHE 299
UD 168

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Awwissu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 429 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu mill-2021 sal-2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 429 final.

Mehmuż: COM(2022) 429 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.8.2022
COM(2022) 429 final

2022/0256 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu mill-2021 sal-2023

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706¹ li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2021-2023 ġie adottat fit-13 ta' Novembru 2020.

Ir-Regolament għandu l-bbjetiv li jiżgura li l-industrija tal-ipproċessar tal-Unjoni tkun kompetittiva u li jevita li titqiegħed f'periklu l-produzzjoni tal-prodotti tas-sajd fl-Unjoni billi jiżgura li l-industrija jkollha provvista adegwata ta' prodotti tas-sajd. Għal dan il-għan, ir-Regolament inaqqas jew jissospendi d-dazji tal-importazzjoni għal għadd ta' prodotti tas-sajd fil-kuntest ta' kwoti tariffarji ta' volum xieraq. Huwa jiddefinixxi wkoll liema ħidmiet tal-ipproċessar (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-ħidmiet li jikkwalifikaw") jippermettu l-użu tal-kwoti tariffarji u liema le.

Fid-19 ta' Lulju 2021 ir-Regolament 2020/1706 ġie emendat billi nżiedu kwoti ġodda awtonomi minħabba li l-protokoll bilaterali mar-Renju tan-Norveġja² u mal-Iżlanda³ li kienu jipprevedu l-kwoti għal ċertu ħut u għal ċerti prodotti tas-sajd kienu skadew. Dawn il-kwoti awtonomi l-ġodda se jiskadu fil-31 ta' Ottubru 2022. Billi ma jkunux ġew konklużi n-negożjati dwar protokoll bilaterali ġodda qabel dik id-data, jista' jkun mistenni li jkun hemm nuqqas ta' materjali tas-sajd mingħajr dazju biex jiġu pproċessati fl-Unjoni. Għaldaqstant jeħtieġ li tiġi estiża l-validità tal-kwoti sa tmiem l-applikazzjoni tar-Regolament 2020/1706.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din l-inizjattiva ssegwi l-politika tal-UE ta' dawn l-aħħar 20 sena li tiżgura provvista adegwata ta' prodotti tas-sajd għall-industrija tal-ipproċessar tagħha u hija konsistenti magħha.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi legali**

L-Artikolu 31 tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax għal dawn id-dispożizzjonijiet.

- **Proporzjonalità**

L-għażla tal-politika hija proporzjonata minħabba li hija awtorizzata kwantità limitata biss għal kull prodott, filwaqt li jitqiesu r-rata tal-użu, il-fatt li l-kundizzjonijiet ikunu ekwi fost il-produtturi tal-UE u dawk ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE, il-valur miżjud, u preferenzi kummerċjali oħrajn.

¹ ĠU L 385, 17.11.2020, p. 3.

² ĠU L 141, 28.5.2016, p. 22.

³ ĠU L 141, 28.5.2016, p. 18.

- **Għażla tal-istrument**

Ma japplikax.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATTI**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Ma japplikax

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma japplikax

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Ma japplikax

- **Valutazzjoni tal-impatti**

Ma twettqitx valutazzjoni tal-impatti. Il-proposta għandha l-għan li temenda l-att legali attwali li jiskadi fi tmiem l-2023. Għalhekk ma hemmx bżonn issir valutazzjoni tal-impatti tagħha.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma japplikax

- **Drittijiet fundamentali**

Ma japplikax

4. **IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-proposta għandha impatt fuq il-baġit tad-dħul tal-UE minħabba t-telf ta' dazji doganali li altrimenti kienu jinġabru fuq il-prodotti importati. Kwota waħda proposta tikkonċerna prodott li huwa soġġett għad-dazju ta' 20 % tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit (l-aringi fis-salmura). Żewġ kwoti oħra proposti jikkonċernaw prodotti li jgawdu sospensjoni tat-tariffi mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju. Għall-bqija tas-sena, l-aringi ffriżati huma soġġetti għal 15 % dazju tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit. Tliet kwoti oħrajn jikkonċernaw prodotti li huma soġġetti għad-dazju ta' 15 % tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit.

L-ammont iddikjarat ta' EUR 10,94 miljun ta' telf mid-dħul tat-taxxa ġie kkalkulat fuq it-tunnellaġġ propost fil-kwota tariffarja awtonoma (b'hekk hemm l-implikazzjoni li l-kwota tintuża għall-massimu), fuq il-valur tal-importazzjoni ddikjarat tal-prodotti għall-ammonti importati korrispondenti (valur tal-kwoti), u fuq ir-rata tad-dazju tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit ta' 15 % jew 20 % fuq il-prodott, mingħajr ma jitqies il-perjodu li fih jiġu sospiżi t-tariffi. Għalhekk dan jirrappreżenta l-livell massimu ta' telf mid-dħul tat-taxxa billi l-UE tagħti preferenzi kummerċjali iktar favorevoli lil gruppi diversi ta' pajjiżi terzi (l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi, u l-Ftehimiet ta' Kummerċ Fieles).

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ma japplikax

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta hija li tiġi estiża l-validità tal-kwoti attwali bin-numri 09.2509, 09.2510, 09.2512, 09.2513 u 09.2514 sa tmiem il-validità tar-Regolament 2020/1706. Biex isir hekk, jeħtieġ li jiżdiedu kwoti ġodda li jkopru l-perjodu minn Novembru tal-2022 sa Diċembru tal-2023. Il-volumi annwali jiżdiedu proporzjonalment biex ikopru l-perjodu kollu tal-kwota ta' 14-il xahar.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu mill-2021 sal-2023

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-provvisti tal-Unjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-preżent jiddependu mill-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. F'dawn l-aħħar deċennji, l-Unjoni saret aktar dipendenti mill-importazzjonijiet biex tissodisfa l-konsum tal-prodotti tas-sajd. Sabiex ma titqiegħedx f'periklu l-produzzjoni tal-prodotti tas-sajd fl-Unjoni u sabiex tiġi żgurata provvista adegwata għall-industrija tal-ipproċessar tal-Unjoni, jenħtieġ li jitnaqqsu jew li jiġu sospiżi d-dazji tal-importazzjoni għal għadd ta' prodotti tas-sajd fil-kuntest ta' kwoti tariffarji ta' volum xieraq.
- (2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706¹ jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu mill-2021 sal-2023. Ġew stabbiliti volumi xierqa għal kull kwota tariffarja sabiex ikun żgurat li l-industrija tal-Unjoni jkollha provvista adegwata għal dan il-perjodu.
- (3) Fid-19 ta' Lulju 2021 ir-Regolament (UE) 2020/1706 ġie emendat bir-Regolament tal-Kunsill 2021/1203² billi, fost l-oħrajn inżiedu kwoti ġodda li huma validi sal-31 ta' Ottubru 2022 minħabba li skadew il-protokolli bilaterali mar-Renju tan-Norveġja³ u mal-Iżlanda⁴ li kienu jipprevedu l-kwoti għal ċertu ħut u għal ċerti prodotti tas-sajd.
- (4) Barra minn hekk, in-negożjati tal-protokolli l-ġodda addizzjonali mal-Iżlanda u mar-Renju tan-Norveġja li jipprevedu l-kwoti għal ċertu ħut u għal ċerti prodotti tas-sajd mhumix se jkun kkonkludew qabel il-31 ta' Ottubru 2022.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 tat-13 ta' Novembru 2020 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perjodu 2021-2023 (ĠU L 385, 17.11.2020, p. 3).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1203 tad-19 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/1706 rigward l-inklużjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd (ĠU L 261, 22.7.2021, p. 1-3).

³ ĠU L 141, 28.5.2016, p. 22.

⁴ ĠU L 141, 28.5.2016, p. 18.

- (5) Għaldaqstant jeħtieġ li jiġu stabbiliti kwoti ġodda li jibqgħu validi sa tmiem l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2020/1706.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) 2020/1706 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*